MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 186/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**
**Vs**

**Emanuel Magro**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) fid-9 ta' Lulju 2002, matul il-gurnata, gewwa l-Belt, Valletta, kkommetta serq ta' hand bag kontenenti LM15 fi flus kontanti, telefon cellulari w dokumenti ohra, ghad-detriment ta' Tara Lambe ta' nazzjonalita' Irlandiza;**
**2) fl-istess data, f'dawn il-Gzejjer, xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe' l-oggetti msemmija aktar 'l fuq, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta,**

**jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;**
**3) sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 3 ta' Marzu 1995, 1 t'Awissu 1995, 18 t'Ottubru 1996, u 21 ta' Gunju 1999, kif ukoll b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 4 ta' Marzu 1998, liema sentenzi saru definittivi.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Settembru, 2004, li biha wara li rat l-Artikoli 284, 285, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati dwar l-ewwel (1) imputazzjoni li hija alternattiva ghat-tieni (2) imputazzjoni li minnha lliberatu w ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Settembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi :
1) tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha (ghal dak li jirrigwarda r-reat ta' ricettazzjoni – it-tieni imputazzjoni);
2) tikkonfermaha fil-parti tar-reita' taghha (ghal dak li jirrigwarda r-reat ta' serq – l-ewwel imputazzjoni, inkluza r-recidiva);
3) u thassaraha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar gusta fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti biss fil-*quantum* tal-piena peress li kien hemm fatturi li kellhom jimmilitaw favur piena inqas harxa u senjatament dawn :- l-ammissjoni ferm bikrija tal-appellant mall-Pulizija meta gie imwaqqaaf minnhom ; il-kollaborazzjoni mall-Pulizija, l-irkuprar tar-res furtiva; is-sitwazzjoni sfortunata tal-appellant li kien ghal diversi snin jabbuza mid-droga ; il-fatt li llum ma ghadux jabbuza mid-droga w li l-incident jirrisali ghall-periodu ta' sentejn ilu,meta l-appellant kien mifni bil-problema tad-droga, mentri issa jinsab riformat .**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti**

**Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi il-principju regolatur dwar appelli mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti huwa s-segwenti w cioe' li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-appellant apparti mill-htija tal-akkuzi dedotti kontra tieghu ammetta ukoll l-addebitu tar-recidiva. Mis-sentenzi esebiti fil-process (Fols. 6 sa 29) jirrizulta li hu kien instab hati diversi drabi talli forna u pprokura d-droga w ta' pussess tad-droga eroina w gie kkundannat ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija; Instab hati ta' pussess u immultat LM200. Instab hati ta' serq , hsara volontarja w kkundannat ghal seba xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Instab ukoll hati ta' serq kwalifikat bil-mezz, u bil-valur u ricettazzjoni w kkundannat ghall-piena ta' sena u sitt xhur prigunerija sospizi ghall-periodu ta' sentejn . Inoltre kien intbaghat tlett snin prigunerija fuq pussess ta' droga w aktar recentement gie sentenzjat ghal sitt xhur habs fuq serq fit-2 ta' Gunju, 2004, kif jidher mill-fedina penali aggornata tieghu.**
**F'dan il-kaz ghalhekk il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi ghaliex skond l-artikoli 285 u 50 tal-Kap.9 hu , bhala recidiv , seta' gie kundannat ghall-piena ta' bejn xaharejn u disa' xhur.**

**Illi milli jidher l-appellant ma tantx apprezza l-opportunitajiet li tawh diversi Qrati biex jirriforma ruhu w rega' ghall-hajja refrattarja tieghu ;**

Illi l-fatt li l-appellant ammetta l-htija tieghu fl-stqarrija tieghu mall-Pulizija mhux garanzija tal-immunita mill-piena ghaliex kif jghid **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit);

**"Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 )"**

**Illi dan hu proprju dak li gara f' dan il-kaz . Terga' u tghid l-appellant minkejja din l-ammissjoni tieghu fl-istqarrija ma jirrizultax li qatt irregistra ammissjoni f' xi stadju tal-process quddiem l-Ewwel Qorti w ghalhekk proprjament hawn non si tratta ta' ammissjoni bikrija bil-beneficcji li talvolta din tista' ggib maghha. Di fatti il-process li beda fil-25 ta' Frar, 2003, seta biss jigi deciz mill-ewwel Qorti fl-14 ta' Settembru, 2004, wara li instemghu diversi xhieda tal-prosekuzzjoni.**

**Jekk l-appellant, li nqabad "*red handed* ", ghamel stqarrija fejn ammetta l-ovvju, dan bl-ebda mod ma jghinu biex jottjeni piena inqas minn dik erogata.**

**L-istess jintqal ghall-irkuprar tar-res furtiva . Dan ma garax ghax l-appellant mar minn jeddu jirritornaha imma ghax gie malajr maqbud kif intqal mill-forzi tal-ordni .**

**Il-fatt umbaghad li l-appellant kien dipendenti fuq id-droga bl-ebda mod ma jista' jigi mejqus bhala attenwanti li jimmilita favur piena inqas minn dik erogata mill-ewwel Qorti li diga hija wahda miti bizzejjed , specjalment konsidrati l-kundanni tieghu precedenti.**

**Jekk l-appellant illum verament waqaf mill-vizzju tad-droga , b' dan mhux qed jaghmel xi pjacir lis-socjeta' izda fuq kollox ha pass tajjeb ghalih innifsu w ghall-membri tal-familja tieghu , izda dan ukoll ma jiskuzax ir-reat ta' serq minnu kommess.**

**Qieset ukoll illi minhabba r-recidiva f'dan il-kaz ma tistax tinghata s-sentenza sospiza.**

**Illi umbaghad din il-Qorti temmen u thoss li l-Qrati ma jistghux jittrattaw leggerment ma kazijiet simili ta' serq minn fuq turisti li jkunu Malta ghal btajjel u b'hekk jigi mhammeg l-isem tal-pajjiz bi hsara kbira ghar-reputazzjoni ta' Malta bhala destinazzjoni turistika . Dawn it-tip ta' reati jistghu jgibu fix-xejn il-flejjes kbar li jintefqu mill-awtorita' w mill-industrija tat-turizmu biex jippromwovu t-turizmu lejn Malta u ghalhekk ghandhom konsegwenzi ferm akbar minn dak li jidhru mill-entita' tar-reat innifsu. Ghalhekk l-element tad-deterrent jassumi certa importanza fl-erogazzjoni tal-piena.**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------